REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1251/2012

tal-20 ta' Diċembru 2012

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005 tat-18 ta' Lulju 2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I ta' mar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 jelenka l-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi koperti bl-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi skont ir-Regolament.

(2) Fit-12 u fit-30 ta' Novembru 2012 il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti approva aġġornamenti għal-lista tal-individwi u tal-entitajiet soġġetti għall-iffriżar tal-assi.

(3) L-indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea stabbilita fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 għandhom jiġu aġġornati.

(4) L-Annessi I u II mar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 għandhom b'hekk jiġu emendati skont dan

(5) Biex jiġi garantit li l-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 1183/2005 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness I, huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(2) L-Anness II huwa emendat skont l-Anness II ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2012.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija

[1] ĠU L 193, 23.7.2005, p. 1.

ANNESS I

L-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 1183/2005, huwa emendat b'dan li ġej:

L-annotazzjonijiet li ġejjin jiżdiedu taħt l-intestatura '*A. PERSUNI FIŻIĊI*':

(a) 'Sultani **Makenga** (*alias* (a) Colonel Sultani Makenga, (b) Emmanuel Sultani Makenga. Data tat-twelid: 25 ta' Diċembru 1973. Post tat-twelid: Rutshuru, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo. Nazzjonalità: Kongoliża Tagħrif ieħor: Mexxej militari tal-Mouvement tat-23 ta' Marzu (M23) grupp li jopera ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1)(b): 12.11.2012.'

(b) 'Baudoin **Ngaruye Wa Myamuro (*alias*** Colonel Baudoin Ngaruye). **Data tat-twelid:** 1978. Post tat-twelid: Territorju tal-Lusamambo, Lubero, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo Tagħrif ieħor: Mexxej militari tal-Mouvement tat-23 ta' Marzu (M23) FARDC ID: 1-78-09-44621-80. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu5(1)(b): 30.11.2012.'

(c) '**Innocent Kaina (*alias* (a)** Colonel Innocent Kaina, (b) India Queen. **Post tat-twelid:** Territorju tal-Bunagana, Rutshuru, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1)(b): 30.11.2012.'

ANNESS II

L-Anness II mar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 huwa emendat kif ġej:

L-intestatura "Komunità Ewropea" u l-paragrafu taħt "Komunità Ewropea" jinbidlu bl-intestatura u l-paragrafu li ġejjin:

"Indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea:

Il-Kummissjoni Ewropea
Servizz għall-Istrumenti tal-Politika Barranija (FPI)
L-Uffiċċju tas-SEAE 02/309
B-1049 Bruxelles/Brussel (il-Belġju)
Posta elettronika: relex-sanctions@ec.europa.eu"